MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2014

Numru 650/2010

Il-Pulizija

(Spettur Alexander  Grech)

vs

Roderick Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 81284m, akkuzat:

1. talli fis-26 ta'Gunju 2010 ghall-habta tas-7.30pm, waqt li kien fl-inhawi ta'Joann Gardens, Tarxien ikkaguna hsara fil-gisem jew fis sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq Charlot Debono , skond ma ccertifikat it-tabib Dr Stephanie Falzon M.D. (reg. no, 3223 mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana u dan bi ksur tal-Artikolu 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

2. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess jew kontrol tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu arma (injama) minn fond jew post li jaghmel mieghu, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
3. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi li ghamel delitt kontra l-persuna ta' Charlot Debono kellu fuq il-persuna tieghu arma (injama)
4. talli, bil-hsieb li jtellef jew jnaqqas l-gieh ta' Charlot Debono u Justin James Grima wegghahom bi kliem b'gest jew b'mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqumill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr A. Demicoli LL.D. b'digriet ta'dik l-istess Qorti datat nhar il-21 ta' Novembru, 2008, li bieh inghata l-helsien mill-arrest u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.
6. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAC 249 meta kellu l-licenzja tas-sewqan sospiza u meta kien hekk skwalifikat milli jsuq b'sentenza tal-Qorti mghotija mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D. datata 12 ta'Novembru 2009.
7. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi imbotta lil Charlot Debono u Justin James Grima u dan sabiex iweggahhom jew jinsulentahom u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(l)tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.
8. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b'mod iehor, dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.
9. talli b'hekk jitqies recidiv b'diversi sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qrati ta'Malta.

Rat, Semghet, Ikkonsidrat.

Bir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat li ikkaguna ferita gravi u permanenti permezz ta' arma regulari fuq il-persuna ta' Charlot Debono kif ukoll li ghamillu ingurja gravi, naqas milli jhares xi kondizzjoni tal-helsien mill-arrest, u li saq vettura minghajr ma' kellu licenzja jew b'mod traskurat u perikoluz. Apparti minn hekk l-Avukat Generali jixlih b'offizi kontravenzjonali u b'recidiva.

Il-kaz jirrisali ghas-sena 2010 wara li kien sehh argument bejn l-imsemmi Debono u certu Justin, neputi tat-terz. Il-versjoni tal-fatti li jaghtu l-partijiet direttament kojinvolti fil-kaz, ossija l-imputat u l-parti leza, l-imputat ghab-bazi tal-istqarrija li rrilaxxja, ivarjaw. Pero' il-Qorti semghet lill-certa Charlotte Zammit tixhed. Din kienet l-gharusa tal-imputat dak iz-zmien. Hi stqarret li fil-gurnata u hin in kwistjoni hi u l-imputat kienu sejrin id-dar mill-poliklinika ta' Rahal Gdid meta fil-hin li kienu waslu fejn 'Joanne Gardens', Hal-Tarxien, l-imsemmi Justin hareg f'nofs it-triq, resaq mat-tieqa tal-vettura taghhom, li kienet qeghdha tinstaq mill-imputat, u beda jghati bil-ponn lill-imputat u hadlu c-cwievet tal-vettura. Tghid li minhabba f'hekk hi u l-imputat hargu mill-vettura u mxew fid-direzzjoni tad-dar ta' missier l-imputat fil-vicinanzi. Hawnhekk hargu l-imsemmija Justin u l-parti leza minn bitha li taghti ghall-garaxijiet b'hadid f'idejhom. L-imputat indirizzjhom li kull ma ried kienu c-cwievet u ma kellhomx ghalfejn jiggieldu. It-tnejn l-ohra pero' aggredewh billi qabdu ituh u l-imputat gera ghad-dar ta' missieru. Hi stahbiet wara van u wara ftit l-imputat gie fimkien ma' missieru. Hawnhekk glied ma kienx hemm u l-aggressuri qalu lill-imputat fejn kienu ramew ic-cwievet. Mistoqsija tispiega kif il-

parti leza, Charlot Debono, spicca ferut testwalment qalet : " fil-hin meta aggredew lill-imputat bil-hadid li kellhom f'idejhom". Iddeskriviet l-hadid bhal speci ta' lieva u 'wheel braze'. Dwar l-incident tghid testwalment: "rajt lill-imputat jxejjer il-hadida fid-direzzjoni ta' Justin u hemmhekk jiena imbuttajtu u laqtu bi zbrixx u mbaghad rajt liz-ziju tieghu jaghti daqa ta' ponn lill-imputat u l-imputat jaghti daqqa ta' ponn lil Charlot Debono…hemmhekk l-imputat telaq jigri". Xehed ukoll missier l-imputat li stqarr li l-vettura li biha kien ibnu, l-imputat, kienet tieghu. Kien nizel flimkien ma ibnu fuq il-post fejn sehh l-incident, jghid, "biex nara jekk narax lil dan il-bnieden li kien hadlu c-cwievet" li ma' dawk tal-karozza kien hemm anka tad-dar. Kompla jghid: "meta jiena mort Justin ma kienx wahdu u kien ma iehor u ghamlu biex jaggredixxu lil ibni". Irrifera ghall-ferita li kien sofra ibnu (accertata b'iktar akkuratezza mit-tabib nominat li stranament, presumibilment minhabba malintiz, ma ikkonstatax wkoll il-ferita li sofriet il-parti leza u ikkonferma li din ta' l-ahhar kellha xi demm niezel minn ferita taht ghajnu u li dwarha hemm certifikat mediku rilaxxjat u ikkonfermat mit-tabiba li irrilaxxatu(fol. 22) li iccertifikata bhala gravi minghajr ma ziedet xejn aktar dwar xi mankament permanenti jew sfregju. Fil-kontest ta' din il-ferita l-parti leza lanqas ma accennat ghal xi mankament, permanenti jew le, jew sfregju . Qalet biss li l-vista ta' ghajneh tal-lemin fejn intlaqat la hi tajba u lanqas hazina pero' li ghamel xi zmien ma jmurx ghax-xoghol. Dwar il-ferita esebizza xi ritratti.

Il-Qorti wara li ghamlet l-apprezzament taghha tax-xhieda kollha kompilata waslet ghall-konvinciment li l-imputat ghandu jirrispondi , fit-termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, ghall-ferita gravi taht l-Artikolu 216 tal-Kap 9, kkagunata permezz ta' arma (injama)regulari taht l-Artikolu 64 tac-citat Kap konsistenti fl-injama kif ammess minnu stess lill-pulizija li investigaw u riportat fl-okkorrenza, u wkoll talli saq vettura meta kien skwalifikat u li hu recidiv . Dwar l-Artikolu 579(2) tal-Kap 9 citat mill-Avukat Generali mill-atti ghandu jirrisulta li kundizzjoni wahda inkissret fil waqt li l-imputat ma deherx f'xi seduta ghalkemm notifikat. Minhabba dan kien nhariglu mandat ta' arrest u ikkundannat mitejn euro disprezz. Ma irrisultaliex pero' li l-imputat biddel l-indirizz. Mill-bqija mhux qeghdha ssib l-imputat hati.

Rat l-Artikoli 216(b)(2), 64, 49 u 50 tal-Kap 9 u l-Artikolu 15 (1)(a) tal-Kap 65. Ikkunsidrat l-attenwanti generici li jikkonsistu filli l-odjerni akkuzi kontra l-imputat gew provokati inutilment mit-terz jismu Justin li fil-fehma tal-Qorti jirrendi l-Artikolu 21 tal-Kap 9 applikabbli. Tikkundannah multa komplessiva ta' hames mitt euro.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------